**KUNSILL LOKALI NADUR**

# MINUTI

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali Nadur

## DISA’ (9) LEĠISLATURA

## Laqgħa Numru Erbgħa (4)

## It-Tlieta, 3 ta’ Settembru, 2019

Il-Kunsill Lokali tan-Nadur iltaqa’ fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fi Triq it-Tramuntana, Nadur (Għawdex), fil-5:30pm.

**PREŻENTI:**

| | |
|---|---|
| Edward Said | Sindku |
| Eucharist Camilleri | Viċi Sindku |
| Joseph Vella | Kunsillier |
| Jean Paul Portelli | Kunsillier |
| Josef Camilleri | Kunsillier |
| Matthias Mercieca | Ambaxxatur taż-Żgħazagħ |

**UFFIĊJALI PREŻENTI:**

| | |
|---|---|
| Sue Ellen Buġeja | Segretarju Eżekuttiv |

**ASSENTI:**

Ħadd

**SKUŻATI:**

Ħadd

**MINUTI**

Il-laqgħa bdiet b’talba.

| | |
|---|---|
| IFFIRMATA | IFFIRMATA |
| Edward Said | Sue-Ellen Bugeja |
| Sindku | Segretarja Ezekuttiva |

**04.1. Qari tal-ittri ta' l-apoloġiji.**

Ma kienx hemm ittri ta' apoloġiji.

**04.2. Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti.**

Il-Minuti tat-tielet (3) laqgħa tal-5, ta' Awissu 2019 ġew ikkoreġuti, approvati, iffirmati u ddikjarati bħala dokument uffiċjali. Dawn kienu ntbagħtu lil Kunsilliera bil-quddiem għall-kunsiderazzjoni tagħhom.

**04.3. Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Iskeda ta' Pagamenti.**

Is-Sindku spjega li għadna nistennew €15,000 mill-MGOZ u €11,000 mid-DLG bħala sponsors tal-Karnival 2019, kif ukoll €1,500 mingħand GSD, pero daħlu €3,000 mingħand Segretarjat Parlamentari Agrikultura għall-Wirja Agrarja 2019. Għandhom jidħlu wkoll €300 mingħand Greenpak. Is-Sindku spjega li madwar €17,000 mill-iskeda għar-railings ta' Kenuna dawk ma humiex qed joħorġu mill-flus tal-Kunsill Lokali.

Is-Sindku imbagħad ta' spjegazzjoni dettaljata tal-qagħda finanzjarja fil-kontijiet kurrenti tal-Kunsill Lokali.

Kien hemm xi kontijiet li daħlu fl-aħħar ġurnata u dawn ġew spjegati lil Kunsilliera u aċċettati sabiex jidħlu fl-iskeda. Kien hemm qbil unanimu fuq l-iskedi ppreżentati u dawn ġew iffirmati.

Is-Sindku imbagħad ipprovda breakdown finanzjarju tas-sena 2018 fid-dettall lill-Kunsilliera u kien hemm diskussjoni dwar fejn tmur in-nefqa tal-Kunsill Lokali. Joseph Vella talab li jintbgħat b'email. Il-Viċi Sindku talab li l' quddiem nagħmlu breakdown tal-Wine Festival.

**04.4. Komunikazzjoni mis-Sindku, Mistoqsijiet u Updates mill-Kunsilliera.**

***Is-Sindku ppreżenta dawn l-iżviluppi:***

**04.4.1.** Business Cards tal-Kunsilliera u Segretarju Eżekuttiv – ġew ordnati

**04.4.2.** Kellna site visit mill-ARPA dwar it-toroq tal-Miżura 4.3 – u magħhom attendiet is-Segretarju Eżekuttiv.

**04.4.3.** Mobile ġdid għall-użu tal-Kunsill Lokali – inxtara bin-numru 79808012.

**04.4.4.** Għandna magħna ħaddiem ieħor tal-iskema – Ronald Buġeja – li qed jgħin lil Salvu u lil Ivan fuq xogħolhom.

**04.4.5.** Is-Segretarju Eżekuttiv ser tara li jinxtara wall mounting safe għall-uffiċju. Kien hemm qbil unanimu dwar dan.

**04.4.6.** Saret laqgħa mal-MGOZ li għaliha attendew is-Sindku u Viċi Sindku dwar l-istat ta' Għar Mixta. Il-MGOZ ser jagħmel ir-riċerki.

**04.4.7.** Tranġa bank fi Triq Buskett peress li kien tkisser.

**04.4.8.** Siġra perikoluża fi Triq il-Qala – qed nistennew konferma mingħand ERA.

**04.4.9.** Rampa HSBC fuq talba tal-KNPD – ser teħel fil-ġranet li ġejjin.

**04.4.10.** Rampa Injam Triq Lazzru Pisani – ser issir minn Anthony Buttigieg.

**04.4.11.** Sinjali sofor lesti hemm dawk ta' Triq il-Qala, Triq Torri Kenuna, u Triq San Blas fi sqaq.

**04.4.12.** Sar qtugħ ħaxix u żbir ta' dawn: Inżul Franċiżi, Buskett, Old Ramla Road, Triq Daħlet Qorrot, Wied Grejgel, Soft Areas Ramla Road, Belvedere Cocco Palmeri, Area ta' Grunju, Xandriku, Siġar tal-Palm.

**04.4.13.** Lesti wkoll ħadida ma' bankina fi Triq Fatima u gutter fi Triq Tiġrija.

**04.4.14.** Lest ukoll sement f'Daħlet Qorrot u Triq Xini.

**04.4.15.** Rigward talbiet mill-Viċi Sindku, lesti bankina ta' Triq Ħida, yellow lines ta Triq Fatima u Triq Duru.

- Pendenti fadal sement fi Triq Rabat, Patch fi Triq Knisja, u bankina fi Triq Duru.

**04.4.16.** Rigward talbiet minn Jean Paul Portelli, lesti mirja fi Triq Hida u Bernard Haber, toqba fi Triq Xandriku, ħaxix Old Ramla Road, tnaddaff passaġġ Ghajn Qasab, tranġaw bankijiet Old Ramla, saqsejna lil MGOZ dwar siġar lil bdiewa, u tranġat u tnadfet il-funtana ta' Xandriku.

- Pendenti: Electrician biex jiċċekja pompa tal-ġibjun.

**04.4.17.** Rigward talbiet minn Joseph Vella, toilets ta' Bajja ta' San Blas ser jibqgħu n-naha ta' fuq minħabba x-xogħol, lesti qtugħ bajtar Duru, ingħalaq ħajt Triq Ramla, saru safety strips Diċembru 13, yellow lines Triq Ħida, inġabar bużbież Triq Ramla.

- Pendenti: bankini fi Triq San Gwann, Triq Dun Gwann Camilleri, u floodlight ħdejn bring in-sites.

**04.4.18.** Rigward talbiet minn Josef Camilleri, bankina fi Triq Sant Indrija lesta mill-ħaddiema tal-Gvern, tellajna ħajt imwaqqa' fi Triq Daħlet Qorrot, tranġat pipe fi Triq San Blas, lesti tabella Daħlet Qorrot, ħaxix Emigranti u San Blas sqaq, yellow line fi Triq Qala, sement ma bankina fi Triq Telegrafu.

- Pendenti: rampa fi Triq Xandriku.

**04.5. Korrispondenza.**

| Numru | Dettalji |
|---|---|
| 6368 | Zoni Problematici fil-Lokalita'- Kontroll tal-Hamiem |
| 6369 | Cirkulari 16/2019-Riforma Gvern Lokali - thassir tar-regolamenti dwar Kumitati Amministrattivi ghal Komunitajiet |
| 6370 | Nominazzjoni ta' Deputat Segretarju Ezekuttiv – ***Il-Viċi Sindku ssuġġerixxa lil Joseph Azzopardi. Is-Sindku talab lis-Segretarju Eżekuttiv jara isibx xi ħadd li diġa qiegħed Segretarju x'imkien ieħor.*** |
| 6371 | Cirk AKL 2019/087- EU Consultancy Meusac |
| 6372 | Cirk 14A/2019- Corrigendum ghal Cirkulari 14/2019 |
| 6373 | Cirk AKL 2019/073-ESkills Malta Foundation |

IFFIRMATA
Edward Said
Sindku

IFFIRMATA
Sue-Ellen Bugeja
Segretarja Ezekuttiva

| | |
|---|---|
| 6374 | Konferenza Stampa- Contracts Manger f'Kull Lokalita' ***– Is-Sindku spjega x'irid jiġri u s-Segretarju Eżekuttiv se jara kif se nipproċedu.*** |
| 6375 | Cirk AKL 2019/084- Laqgha mas-Sindli, Kunsilliera u Segretarji Ezekuttivi 28/08/19 |
| 6376 | Cirk 17/2019- Komunitajiet |
| 6377 | Ittra minghand Mario Fava- dwar Strategic communications in Local Government – ***Is-Sindku nnomina lil Joseph Vella u dan ser jara jekk hux lest jaċċetta fil-ġranet li ġejjin.*** |
| 6378 | Cirk AKL 2019/094- European Mobility week |
| 6379 | Cirk AKL 2019/095- Inizjattivi Wasteserv |
| 6380 | Ismijiet ta' Toroq |

## 04.6. Offerti Pubbliċi.

Is-Sindku spjega kif fil-ġimgħat li ġejjin ser joħrog it-tender tal-Urban Greening wara li issa lesti l-ispecifications kollha. Huwa talab approvazzjoni tal-Kunsill ukoll sabiex dawk il-membri tal-Bord tal-Evalwazzjoni jingħataw €60 kull sitt xhur tas-servizz tagħhom. Kien hemm qbil unanimu fuq dan.

## 04.7. Attivitajiet u Inizzjattivi.

### 04.7.1. Proġett relatat ma' tqassim ta' Siġar:

Is-Sindku staqsa lil Jean Paul Portelli dwar żviluppi. Huwa spjega kif idealment jintbgħat email lis-Segretarjat Parlamentari għall-Biedja dwar għajnuna peress li huwa diġa tkellem magħhom. Kien hemm qbilu unanimu li naħdmu fuq siġar tat-Tin, u li ssir talba għal din l-inizzjattiva.

**04.7.2. Nadur Nadif u EWWR:**

Is-Sindku spjega kif Nadur Nadif kellhom laqgħa oħra f'Awissu u li fit-3 ta' Settembru qed isir Clean Up f'Old Ramla Road. Hemm oħra pjanata għal 21 ta' Settembru f'Wied Binġemma u oħra għal Jum il-Kunsill mal-iskola. Il-Viċi Sindku talabna naraw jekk tistax tidħħol mal-programm ta' Clean Up the World.

**04.7.3. Anzjanita Attiva:**

Is-Sindku spjega kif id-Day Centre beda fit-3 ta' Settembru u hawnhekk il-Viċi Sindku attenda u spjega x'ġara, u kellu kliem ta' tifħir. Huwa ta' wkoll spjegazzjoni ta' kif marru fil-ħarġa f'Kemmuna f'Awissu u s-Sindku spjega dwar il-ħarġa ta' Settembru fl-Imdina.

**04.7.4. AED Kors:**

Is-Sindku spjega li fil-5 ta' Settembru ser jinżamm seminar fis-sala tal-Kunsill dwar CPD u AED.

**04.7.5. Nadur 8K:**

Is-Sindku spjega li din issa ġiet launched, u li għandna konferma tal-isponsors tal-Garmin u Gozo Sports Board. Għal l-ewwel darba ser ikollna chip timing u anke trasport mill-Imġarr u lura.

**04.7.6. Halloween:**

Is-Sindku beda billi ressaq proposta dettaljata għal Halloween 2019 b'dawn id-dettalji:

- 31 t'Ottubru 2019 wara 6.00pm.
- Fl-ewwel parti ikun hemm logħob għat-tfal minn Jump Malta, DJ għal entertainment, balloon modelling minn Marvic Bajada, trick or treat bis-saħħara (Miriam Grech), pumpkin carving minn Charlie Camilleri.
- Fit-tieni parti ikun hemm Rock Charity Concert minn erba' bands li se idoqqu b'xejn u allura dawn ikunu iridu stage, dawl u sound apposta. High End Sound diġa offra sound b'rata aħjar.
- Event li ser ikun b'riżq Puttinu Cares.

Jean Paul Portelli tkellem dwar trick or treat fid-djar pero din il-proposta ma ntlaqetx peress li hija xi ħaga li qajmet polemika fil-passsat. Huwa ssuġġerixxa scarecrows u kien hemm qbil li Peter Muscat jitqabbad jaghmel minn dawn. Huwa issuġġerixxa nużaw pumpkins b'mod differenti u s-Sindku ssuġġerixxa torot apposta u jittieklu kontra donazzjoni għal Puttinu Cares – kien hemm qbil li jsiru minn Grech's jew Mekren's Bakery. Joseph Vella issuġġerixxa li nidħlu għal Malta Records tal-aktar qargħa u kien hemm qbil fuq dan. Is-Sindku ssuġġerixxa li nagħtu token sabiħ lil min iġib l-akbar qargħa. Il-Viċi Sindku ssuġġerixxa li nagħmlu bonfire u anke inġibu fire dancers. Is-Sindku ser jaħdem fuq dawn peress li kien hemm qbil unanimu.

Il-Kunsill qabel li ssir talba għal għajnuna lil MGOZ. Id-dawl ser jieħu ħsiebu D Illumination.

**04.7.7. Karnival 2020:**

Is-Sindku spjega li huwa' laqqa' lil fotografi u aċċettaw il-proposta u ser jaħdmu fuqha. Huwa kellem ukoll lil Peter Muscat sabiex isiru maskarati fissi biex inżejnu bihom. Is-Sindku spjega li huwa kellem lil Ryan Spiteri, Alvin Gee u Pierre Cordina peress li imbagħad ma nsibux DJs tajbin. Joseph Vella talab biex fil-laqgħa li jmiss niddiskutu il-Karnival fid-dettall u din ser tidħol fuq l-agenda li jmiss. Il-Viċi Sindku talab sabiex naraw isirux xi banners tal-Karnival fi Triq Diċembru 13.

**04.7.8. Jum il-Kunsill:**

Is-Sindku qajjem dawn il-proposti:

- Kunċert u Pontifikal ta' San Koronatu – 9 u 10 ta' Novembru. Kunsill jgħin b'festin u fjuri. Qbil unanimu.
- Clean Up mal-Iskola u Nadur Nadif – bejn 11-15 ta' Novembru. Kunsill jipprovdi materjal. Qbil unanimu. Responsabilta ta' Jean Paul Portelli.
- Event fil-Librerija mal-Libreriji Malta – is-Sibt 16 ta' Novembru. Kunsill jipprovdi materjal li jkun hemm bżonn. Qbil unanimu. Responsabilta ta' Joseph Vella.
- Sports Day fil-Museum Subien – 17 ta' Novembru. Kunsill jipprovdi ilma, snack u tazzi u midalji . Qbil unaminu.
- Ħarġa għall-Anzjani – bejn 18 u 22 ta' Novembru. Qbil unanimu. Responsabilta tal-Viċi Sindku.
- Quddiesa u Serata speċjali ta' Jum il-Kunsill li tinkludi Ġieħ in-Nadur, ċertifikati tal-korsijiet tas-sajf, esibizzjoni tal-korsijiet, festin lil Volontiera – 23 ta' Novembru – Qbil unanimu.

- Open Day Kenuna, Sopu, Xelter u Mużew Marittimu – 24 ta' Novembru – Qbil unanimu. Responsabilta ta' Josef Camilleri.

Is-Sindku imbagħad wara diskussjoni dwar Jum il-Kunsill, innomina lil Michael Camilleri Cauchi għal Ġieħ in-Nadur 2019, artist u skultur minn Nadur li għamel isem għalih u lir-raħal fuq livell internazzjonali. Din ġiet issekondata minn Joseph Vella, u approvata b'mod unanimu.

**04.8. Żviluppi dwar Proġetti u Xogħolijiet Oħra.**

**04.8.1. Monument FECC:**

Is-Sindku spjega li rċevejna stima għar-restawr li titla' sa €5,000 u qed nistennew stima dwar bdil ta' turf. Għad irridu nġibu stima dwar railings. Is-Sindku ssuġġerixxa li ngħaqdu kollox u napplikaw mal-UIF. Kien hemm qbil unanimu.

**04.8.2. Latrina Daħlet Qorrot:**

Id-Dawl jidher li qed jaħdem.

**04.8.3. Fossa Latrina Ġnien Kunsill:**

Pendenti.

**04.8.4. Bus Shelter Pjazza:**

Din ser naħdmu fuqha mal-Perit kif neħilsu mill-Miżura 4.3.

**04.8.5. Ashtray Bins fiċ-Ċentru:**

Is-Sindku ssuġġerixxa nwaħħlu xi ashtray bins ħa naraw kif mmorru bihom. Kien hemm diskussjoni dwar fejn u kif, u ġie maqbul li nġibu prezzijiet u niddeċiedu minn hemm.

**04.9. Rikjesti u Talbiet mill-Pubbliku.**

**04.9.1.** Sindku – Area Grunju ser jiġu nstallati speed humps temporanji wara approvazzjoni minn TM. Qbil unanimu.

**04.9.2.** Sindku – Żbir tas-siġar ta' San Blas minn Joseph Cauchi – qbil unanimu.

**04.9.3.** Sindku – yellow lines fi Triq Ħida fejn tidjieq ħafna – qbil unanimu.

**04.9.4.** Sindku – yellow lines fi Triq Fatima faċċata garage – qbil unanimu.

**04.9.5.** Sindku – Sement fi Triq Duru fejn infethet ftit int u nieżel il-Wied – qbil unanimu.

**04.9.6.** Sindku – Sement taħt Triq Tarġa biex ma tinfetaħx triq – qbil unanimu.

**04.9.7.** Sindku – bin ġdid fi Triq San Blas – qbil unanimu.

**04.9.8.** Sindku – tindif ta' skart ħdejn bring in-sites tal-Ħali – qbil unanimu.

**04.9.9.** Sindku – Talba għal għajnuna minn RMJ Horse Rescue u Mekren Bakery għal Ikla li ser issir fi Ġnien il-Kunsill – qbil unanimu.

**04.9.10.** Sindku – Talba għal għajnuna minn Għaqda Armar Triq Knisja għal End of Summer Fest – qbil unanimu li nikkollaboraw sa' €500.

**04.9.11.** Viċi Sindku – Ħaxix passaġġ ċimiterju għal Għajnsielem – qbil unanimu.

**04.9.12.** Viċi Sindku – Ħaxix Triq Torri Sopu – qbil unamimu.

**04.9.13.** Viċi Sindku – dawl ġdid ħdejn Cimiterju antik minħabba dlam – qbil unamimu.

**04.9.14.** Viċi Sindku – dawl fil-passaġġ bejn Kenuna u Fatima – is-Sindku ser jara dwar dan.

**04.9.15.** Viċi Sindku – Mera titranġa fi Triq Żrajk – qbil unanimu.

IFFIRMATA
Edward Said
Sindku

IFFIRMATA
Sue-Ellen Bugeja
Segretarja Ezekuttiva

**04.9.16.** Viċi Sindku – staqsa dwar ħajt f'passaġġ quddiem skola – is-Sindku spjega li nafu bih, u li diġa tranġa u ma kienx hemm biżżejjed ġebel.

**04.9.17.** Viċi Sindku – fakkar dwar xogħol mitlub minn Sultana f'Daħlet Qorrot.

**04.9.18.** Joseph Vella – cover ma bozza fi Triq San Gwann – qbil unanimu.

**04.9.19.** Joseph Vella – Triq Majża biex isiru xi bullards mal-passaġġ – Is-Sindku qal li f'dan il-każ idealment niċċekjaw ma TM.

**04.9.20.** Joseph Vella – ħaxix ħażin Wied Binġemma – qbil unanimu.

**04.9.21.** Jean Paul Portelli – niċċekjaw timer ta' Ġnien Kenuna – Josef Camilleri ser jiċċekja.

**04.9.22.** Jean Paul Portelli – tappiera perikoluza fi Triq Kenuna timtela – qbil unanimu.

**04.9.23.** Jean Paul Portelli – reflecting signs ta' tfal jaqsmu u anke jinbidel fanal tal-funtana ta' Xandriku – qbil unanimu.

**04.9.24.** Jean Paul Portelli – jitranġa railing wara funtana Xandriku – qbil unanimu.

**04.9.25.** Jean Paul Portelli – żbir siġar Xandriku – qbil unanimu.

**04.9.26.** Jean Paul Portelli – slow sign fi Triq Xandriku ħdejn Museum bniet – qbil unanimu.

**04.9.27.** Jean Paul Portelli – haxix ħażin Triq Grunju biex jinqata' – qbil unanimu.

**04.9.28.** Josef Camilleri – jitranġa ħajt fi Triq Cocco Palmeri – qbil unanimu.

**04.9.29.** Josef Camilleri – madum madwar monument Dun Karm – qbil unanimu.

**02.10 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss.**

Il-laqgħa spiċċat fit-8:00p.m. Il-Kunsill kollu qabel li laqgħa oħra ssir nhar it-Tlieta, 1 ta' Ottubru, 2019 fil-5:30pm.

IFFIRMATA
Edward Said
Sindku

IFFIRMATA
Sue-Ellen Bugeja
Segretarja Ezekuttiva